L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 20 ta' Mejju 2005

**Riskji fi triqtek**

Meta tghaddi minn xi wahda mit-toroq li qed jingethu, jinghalqu u jergghu jinfethu bhalissa tinduna kemm verament ahna l-Maltin ghandna livell gholi ta' tolleranza! Kull fil-ghodu ghandi l-unur li nghaddi minn Triq l-Imdina, Haz-Zebbug. U kull fil-ghodu, trid tilghab loghba shiha tipprova taqta' minn fejn suppost tghaddi. Sinjali mkien. Zewg nahat tat-triq miftuha ghat-traffiku u m'ghandekx miktub liema parti hija' dead end' jew liema hi li twassal ghar-rahal. Kien hemm drabi fejn wara li tkun soqt ghal hames minuti ssib barrieri tal-konkos ma' wiccek. Tabelli li ma jezistux, jew impoggija hazin, jew imhollija fil-post meta suppost m'ghadhomx hemm, jew sahansitra gwardjani u pulizija jiehdu hsieb fejn m'hemmx bzonn gwidi biex fejn hemm bzonn m'hemm hadd jirregola t-traffiku.

Il-mod kif saru it-tiswijiet tat-toroq f'Malta minn gvern Nazzjonalista jfakkruni fil-mod kif l-Imperu Ingliz kien qasam Malta fi tnejn biex jiffortfikaha ahjar ghall-ghanijiet ta' difiza tieghu. Ghaliex ghal darb'ohra Malta giet maqsuma fi tnejn skond dak li jissejjah teknikament il-"Great Fault of Malta" li bejn ewiehed u iehor jghaddi mill-Mosta ghall-Madliena. U proprju jekk naraw kif amministrazzjoni Nazzjonalista mmassakrat it-toroq kollha tan-Nofsinhar ta' Malta f'daqqa nindunaw li malli sewwieq jaqbez il-Mosta jidhol f'konfuzjoni ta' traffiku u toroq maghluqa li tostakola ferm iktar mill-ostakli li qatt setghu ppjanaw l-Inglizi. It-toroq ta' Malta, bl-istrategija li ntuzat naqsu bin-nofs bil-konsegwenza li l-madwar 266,000 karozza fuq it-toroq registrati fl-2004 baqghu jiccirkolaw f'nofs l-ispazju li kienu jiccirkolaw fih qabel. Dan il-fatt wahdu jurina x'tolleranza ghandna ahna l-Maltin ghal sitwazzjonijiet intollerabbli.

Gvern Nazzjonalista holoq furur bl-implimentazzjni ta' mizuri stretti fuq it-tipjip f'postijiet maghluqa. Kumbinazzjoni din il-gimgha stess harget statistika li turi l-kancer fil-pulmun kif ukoll fis-sider huma dawk li l-iktar qed jikkawzaw mwiet. Il-gimgha ta' qabel saret konferenza dwar l-incidenza tal-marda respiratorja ta' l-azma f'pajjizna u hareg minn stharrig li kull familja f'Malta ghandha membru affettwat minn din il-marda.

F'Settembru 2000 fil-"Lancet Medical Journal" stharrig wera li 6% ta' mwiet fl-Awstrija, Franza u l-Isvizzera huma assocjati direttament ma' mard li gej minhabba tniggIz fl-arja. Minn dawn - nofshom kien mard ikkawzat minn tniggIz minn traffiku. F'dik is-sena gew ikkawzati wkoll 25,000 kaz gdid ta' bronkite kronika u 500,000 attakk ta' l-azma. Jekk wiehed japplika r-rata

kkalkulata, jghid l-istharrig, wiehed jikkalkula li f'dik is-sena bl-istess mod it-traffiku kkawza 19,000 mewt fl-Ingilterra. 19.000 mewt huwa daws li keiku ggarraf "jumbo jet" kull ghaxart ijiem.

Studji ohra wrew car kif it-traffiku jaffettwa hazin hafna tfal u adulti morda bil-marda ta' l-azma u jista' jgholli l-effetti koroh taghha bi gravita' ta' 200% aktar. Il-kawzi ta' l-azma huma stmati li ser jikbru b'50% kull ghaxar snin fuq skala Ewropea b'wahda mill-kawza ewlenija taghha tkun il-kongestjoni tat-traffiku u l-hajja fl-ibliet.

Studju iehor interessanti maghmul mill-Green peace fl-1992 wera kif min ikun gewwa karozza jsuq (anke jekk itella' l-hgieg u jinghalaq gewwa) mhux talli ma jkunx qed jeghleb l-effetti hziena tat-tniggiz ta' madwaru Izda talli ikun iktar f'riskju minn nies miexja fuq il-bankina, residenti fi djar f'toroq traffikuzi jew nies ohra li juzaw mezzi ta' trasport mikxufa bhal per ezempju rota. L-istudju wera li mill-kimici maghrufa bhala benzene, il-carbon monoxide, u nitrogen dioxide, fil-kaz tal-benzene hemm cans li sewwieq maghluq f'karozza maqbud fit-traffiku ikun espost ghal periklu 18 -il darba iktar milli kieku kien miexi fit-triq; mentri fil-kaz tal-carbon monoxide is-sewwieq ikun espost ghal periklu tmien darbiet oghla milli kieku kien miexi fit-triq.

Dawn huma r-riskji li qed jissuggetta ruhu ghalihom kull min isuq f'pajjizna u jkollu jistenna hinijiet twal fi kju ta' traffiku li issa m'ghadhox ristretti biss ghal hinijiet fejn in-nies imorru ghax-xoghol biss u m'ghadhomx ristretti ghal toroq principali biss. In-nuqqas ta' hsieb fil-kordinazzjoni tat-tiswijiet ta' toroq huwa kawza diretta ta' iktar tniggiz impost fuq partijiet differenti ta' Malta. Sfortunatament bhas-soltu pass wiehed 'il quddiem u iehor lura - zifna shlha! Bil-VRT testing u gwardjani lokali, bil-catalytic converters u l-petrol ta' bla comb, imbaghad nghalqu nofs it-toroq tal-pajjizhalli naqflu s-sewwieqa ghal hinijiet twal gewwa l-karozzi taghhom jiehdu nifsijiet tossici. Tghid persuni li qed jiehdu decizjonijiet dwar tiswijiet ta' toroq u gheluq ta' arterji principali tat-traffiku semghu bi studji bhal ta' hawn fuq? Tghid ma jiddispjacihomx illi setghu gew ikkawzati effetti ta' zieda fil-gravita' ta' attakki ta' tfal batuti bl-azma, gew aggravati kundizzjonijiet medicI ta' anzjani u sahansitra hew inkoragguti kancers f'nies li joqoghdu specjalment fi bliet traffikuzi? Din hi is-serjeta'? Jew il-kuxjenza ta' sahha pubblika? U dan meta niftakru li flok ma nghalqu hames arterji principali f'daqqa setghu nghalqu biss tnejn, tlesta x-xoghol fuqhom f'inqas zmien, imbaghad tlestew it-tnejn l-ohra.